**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Is-6 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 19 t'Awwissu 2013 fis-2pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Reviżjoni tal-Pjan Lokali**
4. **Aġġudikazzjoni tas-Sejħa għal Offerti għal Żamma u Manutenzjoni ta' toroq li jagħtu aċċess u triq pedonali li tagħti aċċess biss**
5. ***Bye-Laws* mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
7. **Finanzi**
8. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-6 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 19 t'Awwissu 2013 fis-2:00 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tal-5:00 ta' wara nofsinhar.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tal-5 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 18/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 18/2013 – *European Mobility Week – Car Free Day 2013* – Kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali: *Clean Air – It's Your Move!***

2.2 Inqrat Memo 19/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 19/2013 – Każijiet quddiem il-Bord ta' Gvernanza Lokali.**

2.3 Inqrat Memo 20/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Memo 20/2013 – Korsijiet għall-Adulti *(Lifelong Learning Classes).***

2.4 Inqrat Memo 33/2012, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Regolamenti dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi – Memo 33/2012.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – *Merchant Account* mal-HSBC u mal-BOV.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Accumulation of Vacation Leave from 2013 to 2014.***

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Lorraine Nicole Vella, Prinċipal fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Libreriji 2013.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Ageing Creditors Analysis as at 30 June 2013.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 45/2013 – Messaġġ mill-Kumitat ta' Monitoraġġ Vot 16.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 48/2013 –** ***Higher Diploma in Political Studies, University of Malta.***

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 49/2013 –** ***MIM Introductory VAT Certificate u VAT Compliance.***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 51/2013 – Laqgħa għas-Sindki fis-27 u 28 ta' Settembru 2013.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Konsultazzjoni dwar il-Pjani Lokali.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***The Times of Malta Subscription Proposal.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ministru għat-Turiżmu, l-Perit Karmenu Vella, bit-titlu **Wied iż-Żurrieq** ***Ladder and Railings.***

2.15.1 Is-Sindku David Schembri qal li kien hemm sellum tal-għaddasa li kien qiegħed f'post ħażin, kien wiesa' kif ukoll wieqaf u dan ma kienx aċċessibbli għall-għawwiema.

2.15.2 Żied li kien hemm diversi persuni li oġġezzjonaw għal dan is-sellum li eventwalment tneħħa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ministru għat-Turiżmu, l-Perit Karmenu Vella, bit-titlu ***Bus Shelter and Soft Area at*** **Triq il-Panorama c/w Triq Ħaġar Qim, Qrendi.**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK, bit-titlu **BBQ organizzat mill-ANSEK – 9 t'Awwissu.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto minn Transport Malta, bit-titlu ***Request for Double Yellow Line in*** **Triq Lourdes, Il-Qrendi.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto minn Transport Malta, bit-titlu **Talba għal Sinjal Isfar fi Triq San Nikola, Il-Qrendi.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Susanna Bonello minn Transport Malta, bit-titlu ***Qrendi amendments.***

2.20.1 Is-Sindku qal li bil-proposta l-ġdida ta' Transport Malta se nkunu qegħdin nitilfu parkeġġ wieħed minn dak li qiegħed jipproponi l-Kunsill Lokali.

2.20.2 Żied li d-disinn li hemm madwar l-istatwa jrid jiġi rranġat għax kif qiegħed fuq il-pjanta ifisser li min irid idur mal-istatwa ta' San Mattew ma jistax u jkollu jinżel fi Triq Bali Guarena.

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Stephen Camilleri mill-*Paying Agency*, bit-titlu ***Qrendi LC Queries.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Leanne Bajada, *Coordinating Officer* fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, bit-titlu **Laqgħa – 6 t'Awwissu – 12:30pm.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ministru għall-Finanzi, Edward Scicluna bit-titlu ***Banking facilities at Qrendi – Setting up of an Automated Teller Machine.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Marilena Di Michele, bit-titlu ***Twinning.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.24.1 Is-Sindku qal li min-naħa tal-Kunsill Lokali bagħtna risposta lura fejn staqsejna kemm se tiġi tiswa flus lil kull parteċipant, id-dati, durazzjoni u fejn se noqgħodu kif ukoll il-programm t'attivitajiet li se jsiru jekk kemm-il darba se ntellgħu grupp ta' residenti Qrendin fir-raħal ta' Ficulle is-sena d-dieħla.

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Pauline Bonello, Kuntistabbli fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Serq ta' Siġar minn Misraħ il-Maqluba.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Josianne Muscat, *Principal Scientific Officer* fil-Qasam tas-Saħħa, bit-titlu ***Updated Records of Spraying of Palm Trees – January to July 2013.***

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Vincent Cassar mill-MCCAA, bit-titlu ***Qrendi Playground Report.***

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Rudi Wester, bit-titlu ***Invitation to come to Leeuwarden from Saturday 31 of August till Tuesday 3 of September.***

2.28.1 Is-Sindku qal li l-belt ta' Leeuwarden fl-Olanda qegħdin jippruvaw ikunu l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2018 flimkien mal-Belt Valletta.

2.28.2 Spjega fid-dettall il-laqgħa li kienet saret mas-Sinjuri Wester u De Long meta kienu ġew jiltaqgħu mal-Kunsill Lokali f'Mejju li għadda.

2.28.3 Żied li nhar il-Ġimgħa 16 t'Awwissu l-Kunsill Lokali rċieva *e-mail* sabiex is-Sindku, Viċi-Sindku u Segretarju Eżekuttiv jżuru Leeuwarden sabiex jgħinu waqt li jkun hemm il-ġurija sabiex tiddeċiedi liema belt Olandiża tirbaħ dan l-unur.

2.28.4 Is-Sindku kompla li min-naħa tiegħu xtaq li anke jitilgħu ż-żewġ esportaturi tal-patata li għandna l-Qrendi imma fil-preżent dan ma kienx possibli minħabba li min-naħa ta' Leeuwarden setgħu jħallsu għal 3 persuni biss.

2.28.5 Ippropona li għandna naċċettaw din l-istedina sabiex bħala Kunsill Lokali nkomplu nwessgħu l-orizzonti tagħna, u jekk kemm-il darba jintagħżlu bħala l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura żgur inkunu nistgħu nibbenefikaw.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.28.6 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li s-Sindku, Viċi-Sindku u Segretarju Eżekuttiv għandhom jattendu għal din l-istedina.

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Charlene Mercieca, *Data Analyst* ma' GreenPAK, bit-titlu ***2nd Quarter Report 2013.***

2.29.1 Is-Sindku ppropna li fil-*bring-in site* li hemm fi Triq it-Tempesta jiżdied kontenitur ieħor tal-plastik minħabba li l-wieħed li hemm qiegħed dejjem ikun mimli.

2.29.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta.

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Johann Azzopardi bit-titlu ***Reminder.***

2.30.1 Is-Sindku qal li Triq San Nikola, fejn qed tintalab il-bankina mis-Sur Azzopardi mhijiex wiesgħa biżżejjed.

2.30.2 Spjega kif il-bankina għallinqas trid tkun wiesgħa 75cm, sabiex għallinqas ikunu jistgħu jgħaddu *puschair* u *wheelchair*.

2.30.3 Semma' kif kien hemm min anke ppropona li jsiru bollards mal-faċċata tas-Sur Azzopardi, imma dawn xorta waħda mhumiex daqshekk viabbli.

2.30.4 Żied li probabbli se ssir mera f'din it-triq, mera li se ssir mis-Sur Azzopardi nnifsu għall-użu personali tiegħu.

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Maria Camilleri bit-titlu **Indafa.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Farrugia bit-titlu **Arriva.**

2.32.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali diġa' ressaq dan l-ilment quddiem Transport Malta u se jkompli jaħdem fuq dan ir-rigward.

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Sant bit-titlu **Skart.**

2.33.1 Dwar din il-korrispondenza s-Sindku qal li l-Kunsill Lokali m'għandu l-ebda

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jedd jidħol fi propjeta' privata.

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Rose Buttigieg bit-titlu **Bandli Perikolużi.**

2.34.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali diġa' ħa l-ewwel miżuri neċessarji fejn tniżżlet *barrier* il-Ġnien tal-Warda u aktar 'il quddiem hemm il-ħsieb li se jitpoġġa bank tal-ħadid f'din iż-żona sabiex innaqqsu l-periklu.

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Frances Camilleri bit-titlu **Librerija – Ħinijiet tas-Sajf.**

2.35.1 Il-Kunsill Lokali qabel li għalkemm kienet persuna waħda li lmentat mill-fatt li l-librerija dan is-Sajf ma fetħitx wara nofsinhar, dan ma jfissirx li ma kienx hemm persuni oħra milquta.

2.35.2 Il-Kunsill Lokali qabel li nitkellmu mal-librara sabiex jiġu definiti l-ħinijiet tas-Sajf u tax-Xitwa.

2.36 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Innocent Sciberras dwar il-*Bring-In Site* li tinsab fi Triq iż-Żgħożija.

2.36.1 Is-Sindku qal li l-kontenitur tal-metall tnaddaf matul il-ġimgħa li għaddiet.

2.36.2 Qal li diversi residenti li ffirmaw din il-petizzjoni qas biss joqgħodu fit-triq jew fl-akwata ta' Triq iż-Żgħożija u minn fejn joqgħodu hemm lanqas biss jaraw din il-*bring-in site*.

2.36.3 Żied li jekk kemm-il darba din il-*bring-in site* se titneħħa minn Triq iż-Żgħożija, l-Kunsill Lokali jrid jara fejn se jagħmel rilokazzjoni tagħha.

2.36.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li jekk kemm-il darba nsibu post alternattiv tajjeb daqs Triq iż-Żgħożija ma tkunx problema li jkun hemm rilokazzjoni tal-kontenituri.

2.36.5 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li forsi wasal iż-żmien li jiżdiedu żewġ siti oħra fejn ikun hemm il-kontenituri tal-iskart separat u dan sabiex titnaqqas is-saħħa minn fuq dan is-sit.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.36.6 Ippropna li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jħares lejn din l-alternattiva, għandu jikkunsidra Triq il-Fulija (maġenb il-*bore hole*) kif ukoll Triq Filippu Gutenberg.

2.36.7 Is-Sindku David Schembri qal li post ieħor alternattiv huwa l-Pjazza tal-Maqluba.

2.36.8 Il-Kunsill Lokali qabel li se nitkellmu mal-koperattiva GrennPAK sabiex naraw fejn jistgħu jsiru siti alternattivi sabiex titnaqqas is-saħħa ta' materjal mitfugħ fil-*bring-in* site ta' Triq iż-Żgħożija.

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Roderick Borg, *Project Organizing Team* ma' ŻAK Malta, bit-titlu **Opportunita' għaż-żgħażagħ – *72 Hours.***

## 3. REVIŻJONI TAL-PJAN LOKALI

### 3.1 Wied iż-Żurrieq

3.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li F'Wied iż-Żurrieq hemm problema kbira ta' parkeġġ.

3.1.1.1 Qal li fil-parkeġġ eżistenti, apparti l-karozzi u l-*coaches* li jkunu pparkajti, tinżel ukoll iddawwar l-Arriva u l-*open buses*.

3.1.2 Żied li ninsabu f'sitwazzjoni fejn anke l-parkeġġ tal-għaddasa sar żgħir wisq u qed ikollna diversi problemi.

3.1.3 Kompla li hemm problema kbira ta' dawl mal-kosta li qed tirriżulta f'ħafna dlam bil-lejl.

3.1.3.1 Qal li bħala Kunsill Lokali diġa' kellna taħdidiet mal-MEPA u l-MTA sabiex naraw kif nistgħu nsolvu din il-problema u fil-fatt se nkunu qegħdin

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

nitkellmu ma' Nexos Lighting biex jgħinuna f'dan ir-rigward.

3.1.4 Il-ħsieb tiegħu hu li l-Kunsill Lokali jipproponi li jsir ristrutturar tal-belveder f'Wied iż-Żurrieq, sabiex parti minnu ssir parkeġġ għall-għaddasa.

3.1.5 Is-Sindku semma' wkoll żvilupp fuq in-naħa l-oħra ta' Wied iż-Żurrieq, fejn hemm l-irdum.

3.1.6 Qal li jidher li fuq Torri Xutu, il-fondazzjoni Din l-Art Ħelwa qegħdin jistennew li jieħdu t-titolu ta' dan it-torri u jidher li diġa' għandhom madwar €80,000 għar-restawr tal-istess torri.

3.1.7 Is-Sindku qal li l-latrina pubblika f'Wied iż-Żurrieq trid titwaqqa' u tinbena waħda mill-ġdid għaliex dik li hemm preżenti qiegħda fi stat ikrah ħafna.

3.1.8 Semma' wkoll il-problema li hemm fil-moll tad-Dokkiena. Qal li s'issa għadu ma ħariġx il-permess min-naħa tal-MEPA sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol.

3.1.9 Qal li l-Kunsill Lokali se jipproponi wkoll li tikber it-tinda fejn jitpoġġew id-dgħajjes sabiex ma jitħallewx dgħajjes barra.

3.1.10 Semma' kif il-problema tal-ħmieġ f'Wied iż-Żurrieq qed tkun fil-parti tal-irdum għax hemm min qed jitfa' l-boroż tal-iskart domestiku fuq l-istess irudm u eventwalment qiegħed jiżdied il-ħmieġ.

3.1.11 Tkellem ukoll dwar il-*floodlights* tal-belveder li għandhom bżonn jiġu rranġati mill-aktar fis possibli għax il-problemi se jkomplu jikbru minflok jiġu solvuti.

3.1.12 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li għalkemm mhux qiegħda fil-pjanta, kien hemm triq li mill-Qrendi kienet tagħti dirett għal Wied iż-Żurrieq li din spiċċat magħluqa.

3.1.12.1 Qal li fl-opinjoni tiegħu jkun ideali jekk kemm-il darba din it-triq terġa' tinfetaħ għall-pubbliku inġenerali.

3.2 **Il-Qrendi**

3.2.1 Is-Sindku qal li l-ħsieb hu li minn Triq Filippu Gutenberg tinfetaħ triq għal Triq Dun Nerik Mahoney, idea li diġa' qiegħda fil-pjan lokali.

3.2.2 Qal li sal-lum il-ġurnata l-grawnd tal-futbol huwa kkunsidrat bħala parti mill-Iskola Primarja tal-Qrendi u għaldaqstant il-Kunsill Lokali jixtieq li dan is-sit jinbidel f'sit ta' faċilitajiet sportivi.

3.2.3 Qal ukoll li kien hemm talba sabiex il-binja li hemm fi Triq it-Tempesta k/ma' Triq il-Fulija ma tiġiex estiża aktar.

3.2.4 Is-Sindku qal ukoll li kien hemm ħsieb li l-*green area* eżistenti fi Triq Ġużeppi Muscat tkun imniżżla hekk fil-pjan lokali sabiex ma jkunx hemm żvilupp f'din iż-żona.

3.2.5 Dwar il-proposta li jitla' t-tieni sular fejn hemm il-klabb tal-boċċi, s-Sindku qal li jidher li l-MEPA ma taqbilx ma' din l-idea.

3.2.6 Anke dwar il-Ġnien tal-Kmand, is-Sindku qal li rridu nżommu l-idea eżistenti, dik li l-postijiet ta' wara dan il-Ġnien ma jitilgħux aktar minn żewġ sulari.

## 4. AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI GĦAL ŻAMMA U MANUTENZJONI TA' TOROQ LI JAGĦTU AĊĊESS U TRIQ PEDONALI LI TAGĦTI AĊĊESS BISS

4.1 Il-Kunsillieri kienu ppreżentati bil-*Bill of Quantities* ta' kull kuntrattur u/jew kumpanija li tefgħet l-offerta tagħha.

4.2 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali kellu quddiemu sitt offerti li kienu ġejjin mingħand:

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.3
1. Dimbros Ltd.
2. Polidano Bros. Ltd.
3. J&C
4. Elle's Urban Services Ltd.
5. Silvar Construction and Services Ltd.
6. Asfaltar Construction Ltd.

4.4 Qal li minn kif jidhru l-offerti jidher ċar li l-offerta ta' Elle's Urban Services Ltd. hija l-aktar waħda irħisa u vantaġġuża.

4.5 Għaldaqstant ippropona li dan il-kuntratt għandu jingħata lill-Elle's Urban Services Ltd., kuntratt li jkun għal sena li mbagħad jista' jiġġedded għal sentejn konsekuttivi u li ma jaqbiżx tlett snin fit-totalita' tiegħu.

4.6 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta.

## 5. ***BYE LAWS* MILL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali bħalissa għandu quddiemu l-*Bye Law* dwar ir-reklami fuq l-għamara tat-toroq, *bye law* li diġa' hija eżistenti imma hemm bżonn li tiġi emendata.

5.1.1 Spjega kif din il-*bye law* issa hija lesta, biss il-Kunsill Lokali jrid jikkonferma l-prezzijiet li hemm inklużi f'din l-istess *bye law*.

5.2 Qal li sal-laqgħa li jmiss suppost għandu jkun hemm *bye law* oħra li tkun lesta jew inkella fil-proċess li titlesta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 6. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

6.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-fatt li sal-lum il-ġurnata fil-Qrendi għad m'hawnx ATM u qal li l-Kunsill Lokali tkellem mal-bank BOV dwar dan.

6.1.1 Qal li l-Kunsill ħareġ bi proposta ta' ħames siti fejn tista' tiġi nstallata ATM f'raħalna.

6.1.2 Żied li minn dak li kien diskuss jidher li r-raġunament li qed juża' l-bank BOV hu li l-popolazzjoni tal-Qrendi hija żgħira wisq sabiex ikollha ATM għaliha meta din tista' tinqeda mill-ATMs li hemm l-Imqabba kif ukoll iż-Żurrieq.

6.1.3 Fil-fatt, f'risposta li l-Kunsill Lokali rċieva ftit tal-jiem ilu, l-bank BOV qal li l-Qrendi ma jilħaqx il-kriterji kollha possibli sabiex tiġi nstallata ATM fir-raħal tagħna.

6.1.4 Is-Sindku qal li wara li rċevejna din il-korrispondenza huwa kkomunika mal-Ministru tal-Finanzi li min-naħa tiegħu qal li se jkun qiegħed jitkellem mas-CEO tal-bank BOV.

6.1.5 Is-Sindku kompla li l-ġimgħa li għaddiet saret laqgħa wkoll ma' rappreżentant tal-bank HSBC fejn lil dan ukoll ingħatawlu s-siti proposti mill-Kunsill Lokali.

6.1.6 Qal li anke min-naħa tal-bank HSBC qegħdin jgħidu li fil-Qrendi m'hawnx popolazzjoni biżżejjed sabiex ikun hawn ATM u għaldaqstant ix-xewqa tal-bank hi li jekk issir ATM, din issir fil-by-pass tal-lokal.

6.1.7 Żied li din hija problema kbira minħabba li fil-by-pass m'hemm imkien fejn din l-ATM tista' ssir.

6.1.8 Kienet proposta li ssir ATM fil-bandli ta' Ġnien Nicolo' Communet imma l-Kunsill Lokali m'għoġbitux din il-proposta minħabba l-proġett li mistenni jsir f'din iż-żona aktar 'il quddiem.

6.1.9 Is-Sindku għalaq din il-parti billi qal li donnu l-banek qegħdin isibu kull

skuża sabiex ma jinstallawx ATM fir-raħal tal-Qrendi.

6.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar laqgħa li saret mal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura dwar ir-rotot tal-Arriva.

6.2.1 Qal li dawn ir-rotot se jkunu qegħdin jitressqu minn Transport Malta lill-Arriva fil-ġimgħat li ġejjin u probabilment joħorġu b'mod uffiċjali matul ix-xahar ta' Novembru.

6.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-problema li għandu quddiemu l-Kunsill Lokali minħabba l-parkeġġ ta' Wied iż-Żurrieq.

6.3.1 Qal li bħalissa kulħadd qiegħed jipparkja kif ifettillu u dan qiegħed joħloq problemi kbar f'din iż-żona turistika.

6.3.2 Żied li min-naħa tal-Kunsill Lokali diġa' tkellimna mal-pulizija mill-Għassa taż-Żurrieq u s'issa qegħdin insibu l-għajnuna tagħhom.

6.3.3 Spjega kif saret laqgħa mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu kif ukoll mal-għaddasa sabiex ikun irranġat il-parkeġġ għall-għaddasa.

6.3.4 Biss jidher li din il-laqgħa, minflok solviet il-problema ħolqot ferment sħiħ minħabba li l-għada filgħodu kien hemm numru kbir ta' għaddasa li bdew jibagħtu l-istess *e-mail* lill-Kunsill Lokali dwar dak li kien miftiehem.

6.3.5 Spjega kif apparentament kien hemm problema bejn l-iskejjel tal-għaddasa, u l-ftehim li sar kien jaġevola sezzjoni ta' skejjel mingħajr ma' l-Kunsill Lokali kien jaf.

6.3.6 Għaldaqstant is-Sindku spjega kif bħalissa l-Kunsill Lokali qiegħed jara kif jista' jirrisolvi din is-sitwazzjoni.

6.4 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni li nqalgħet nhar il-Ġimgħa 16 t'Awwissu, l-għada tal-festa ta' Santa Marija.

6.4.1 Qal li kien hemm Gwardjan Lokali li ġie l-Qrendi u beda jagħti ċ-ċitazzjonijiet bl-addoċċ meta kien hemm karozzi li forsi ma kenux ipparkajti

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tajjeb minħabba li l-ġurnata ta' qabel kien hawn ammont kbir ta' karozzi fil-lokalita'.

6.4.2 Żied li bħala Kunsill Lokali qegħdin nippruvaw ngħinu lil dawk kollha li qalgħu ċitazzjoni matul; l-għodwa tas-16 t'Awwissu.

6.5 Is-Sindku tkellem dwar is-siġar tal-kaktus, oleander u palm li hemm f'Wied iż-Żurrieq.

6.5.1 Qal li suppost dawn is-siġar se jkunu qegħdin jinżabru, filwaqt li l-palm se jkun qiegħed jinqala'.

6.6 Is-Sindku tkellem dwar il-festa ta' Santa Marija u qal li bħalma ġara fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes, morna tajjeb ħafna.

6.6.1 Qal li mill-kummenti tan-nies jidher li l-*mobile toilets* ħadmu ħafna u forsi 'l quddiem ta' min nikkunsidraw li anke npoġġu d-dawl fihom.

6.7 Is-Sindku tkellem ukoll dwar laqgħa li kien hemm mal-Ministeru tas-Saħħa dwar il-bereġ li wieħed isib fil-lokalitajiet.

6.7.1 Qal li hemm l-intenzjoni li l-bereġ jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Kunsilli Lokali.

6.7.2 Żied li bħala lokalita' rridu nibagħtu rapport ta' x'hemm bżonn fil-komunita' tagħna.

6.7.3 Fil-fatt għandu jsir rapport mill-kunsillier Olympia Sant dwar il-bżonnijiet tal-Berġa sabiex din tkun tista' taqdi l-bżonnijiet tar-residenti.

6.8 Il-Kunsillier Olympia Sant tkellmet dwar il-possibilta' li ssir klassi tal-*aerobics* u li għal dan il-għan tista' tintuża' s-sala tal-iskola primarja.

6.8.1 Żiedet li jekk kemm-il darba jkun hemm problema fl-iskola, wieħed jara jekk ikuns jista' jintuża' ċ-Ċentru Parrokjali.

6.9 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li hemm il-ħsieb li tiġi organizzata ġurnata

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Għawdex nhar it-Tlieta 17 ta' Settembru.

6.10 Il-Viċi-Sindku tkellem ukoll dwar il-kors tal-kompjuter u qal li l-attendenza hija waħda tajba ħafna, tant li kellhom isiru żewġ klassijiet minħabba r-rispons li kellna mingħand ir-residenti.

6.11 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li l-ħsieb tagħha hu li tkun organizzata ġurnata l-iSplash & Fun jew inkella jkun organizzat *Boat Party*.

6.11.1 Qalet li mill-informazzjoni li ġabret, jekk l-iSplash & Fun imorru 25 persuna f'daqqa, dawn jingħataw skont ta' 15%.

6.12 Il-Kunsillier Daniel Farrugia semma' l-arblu li hemm f'Wied iż-Żurrieq.

6.12.1 Qal li ma' dan l-arblu ta' min terġa' tibda titella' l-bandiera tal-Qrendi.

6.12.2 Żied li l-problema hi li donnu Wied iż-Żurrieq sar taż-Żurrieq u għaldaqstant hemm bżonn nuru li din iż-żona turistika tagħmel parti mill-Qrendi.

## 7. FINANZI

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €44,980.93c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 08/13 u €75.94 skont il-*Petty Cash* Ref Q/07.

7.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

7.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru fl-4:30pm.

8.2 Il-Kunsill Lokali qabel nem. con. dwar il-ħin ta' din il-laqgħa.

_______________________ _______________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**